Fit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

Avviż bex Tieqaf u ta' Twettieq: EC/0098/08

Lokalita': San Leonardu, limiti ta' Ħaż-Żabbar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
25 APR 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Rikors tal-appell ta' Emanuel Buħaġiar (KI 497275M)

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponent ġie notifikat bl-Avviż datat 24 ta' Frar, 2023 illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa.

2. Illi l-esponent iħoss ruħu aggravat b'dan l-Avviż u għalhekk qed jinterponi dan l-appell.

3. Illi l-appellant itenni li ma hemmx raġunijiet validi għaliex kellu jinħareġ l-imsemmi Avviz, iżjed u iżjed meta l-irziezet kollha tal-madwar ingħataw varji permessi għal użu kummerċjali u industrijali / semi-industrijali u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

4. Illi l-iżvilupp prinċipali li hemm fuq is-sit sar qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 276 tal-2012 u għalhekk il-multi stabbiliti u introdotti bl-imsemmi Avviż Legali mhumiex applikabbli għall-każ odjern.

5. Illi għal dawn il-motivi qed jiġi interpost dan l-umli appell.

Għal dawn il-motivi l-appellant jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġu jħassar u/jew jirrevoka l-Avviż maħruġ fil-konfront tal-appellant illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa.

Avv. Chris Cilia Simon Spiteri

Appellant: 11, Triq iċ-Ċimiterju, Żabbar